2024/1044

26.4.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1044

tas-27 ta' Marzu 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 146(2), l-Artikolu 156(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 162(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 ([3]) jistabbilixxi mudelli taċ-ċertifikati, fil-forma ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u dikjarazzjonijiet għall-movimenti bejn l-Istati Membri, fost l-oħrajn, ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom. Dawk il-kunsinni jinkludu dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 ([4]) u (UE) 2020/688 ([5]).

(2) L-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jipprevedi li ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti kategoriji ta' għasafar u ta' prodotti ġerminali tagħhom iridu jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli stabbiliti fl-Anness I tiegħu, u msemmija f'dak l-Artikolu, skont il-kategoriji tal-għasafar u tal-prodotti ġerminali kkonċernati.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar id-Deċiżjoni 2010/470/UE (ĠU L 113, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/403/oj).
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/686/oj).
([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 140, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/688/oj).

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2515 ([6]) jemenda l-Artikolu 67 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 sabiex jawtorizza l-moviment ta' kunsinni ta' għasafar miżmuma fil-magħluq, li ppartečipaw f'wirja fi Stat Membru għajr dak tal-oriġini tagħhom, lejn Stat Membru ieħor, wara bidla fis-sjieda tagħhom matul il-wirja, u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal tali moviment. Għalhekk jeħtieġ li jiġi inkluż mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' għasafar miżmuma fil-magħluq minn wirja (mudell "CAPTIVE-BIRDS-EXHIBITION-INTRA") fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 u li jiġu emendati l-Artikolu 7 u l-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni kif xieraq.

(3) L-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jipprevedi li ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u dikjarazzjonijiet li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u ċerti prodotti ġerminali tagħhom iridu jikkorrispondu għall-mudelli stabbiliti fl-Anness I tiegħu, u msemmija f'dak l-Artikolu, skont l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati. Il-Kapitolu 62 ta' dak l-Anness jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' semen, ooċiti u embrijuni tal-klieb (*Canis lupus familiaris*) u tal-qtates (*Felis silvestris catus*) li ngħabru jew ġew prodotti, ġew ipproċessati u nħażnu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/647 ([7]) iħassar l-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 dwar iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali u n-notifika ta' movimenti ta' prodotti ġerminali tal-klieb u tal-qtates bejn l-Istati Membri. Għalhekk jeħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 kif xieraq u jitħassar il-mudell korrispondenti fil-Kapitolu 62 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri miżmuma u l-prodotti ġerminali tagħhom. Jixraq li mal-mudelli korrispondenti tiżdied attestazzjoni armonizzata sabiex tiġi ssimplifikata ċ-ċertifikazzjoni għall-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma u prodott ġerminali tagħhom mill-istabbilimenti jew miż-żoni, jew it-tnejn soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-moviment meta jkunu ngħataw derogi minnhom f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(5) Il-Kapitoli 1, 3, 5 u 7 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxu mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' annimali bovini mhux maħsuba għall-iskarnar (mudell "BOV-INTRA-X"), ta' annimali porċini mhux maħsuba għall-iskarnar (mudell "POR-INTRA-X"), ta' annimali ovini u kaprini mhux maħsuba għall-iskarnar (mudell "OV/CAP-INTRA-X") u ta' annimali ekwin individwali mhux maħsub għall-iskarnar (mudell "EQUI-INTRA-IND"). Il-punt II.4 ta' dawk il-mudelli jenħtieġ li jitħassar biex jirrifletti l-emenda għall-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 bir-Regolament Delegat (UE) 2023/647 li jistipula l-ebda involviment tal-awtorità kompetenti matul l-implimentazzjoni tad-deroga relatata mal-moviment ta' dawk l-annimali bejn iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen.

(6) Il-Kapitoli 1, 5, 9, 11 u 13 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxu mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti kategoriji ta' ungulati li jkunu suxxettibbli għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika (EHDV). L-emendi għall-Artikoli 10, 15, 23, 26 u 29 u għall-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 bir-Regolament Delegat (UE) 2023/2515 dwar il-movimenti minn żoni madwar tifqigħat tal-EHDV, jenħtieġ li jiġu riflessi f'dawk il-mudelli kif xieraq.

(7) Il-Kapitolu 6 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' annimali ovini u kaprini maħsuba għall-iskarnar (mudell "OV/CAP-INTRA-Y"). L-emendi għall-Artikolu 18 u għall-Artikolu 43(4) tar-Regolament Delegat (UE)

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2515 tat-8 ta' Settembru 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/688 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri (ĠU L, 2023/2515, 14.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2515/oj).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/647 tat-13 ta' Jannar 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 81, 21.3.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/647/oj).

2020/688 bir-Regolament Delegat (UE) 2023/2515 li jadattaw ir-rekwiżit għall-identifikazzjoni obbligatorja tal-annimali ovini u kaprini maħsuba għall-iskarnar jenħtieġ li jiġu riflessi f'dak il-mudell kif xieraq.

(8) Il-Kapitoli 7 u 8 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxu l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' annimal ekwin individwali mhux maħsub għall-iskarnar (mudell " EQUI-INTRA-IND"), u ta' kunsinna ta' annimali ekwini (mudell "EQUI-INTRA-CON"). L-Artikolu 91(2), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 jistabbilixxi perjodu ta' żmien għal kontroll tal-identità u eżami kliniku tal-annimali ekwini qabel ma jinħareġ ċertifikat tas-saħħa tal-annimal. Sabiex tali kontrolli u eżamijiet ikunu jistgħu jitwettqu fl-aħħar jum tax-xogħol qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-oriġini u sabiex jiġu ffaċilitati l-movimenti tal-annimali ekwini, inklużi l-annimali ekwini li jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet, f'tiġrijiet u f'avvenimenti ekwestri oħra, lejn Stati Membri oħra fi tmiem il-ġimgħa u fil-vaganzi, l-Artikolu 91(2), il-punt (b) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 ġie emendat bir-Regolament Delegati (UE) 2023/2515. Għalhekk, il-punt II.1.2. tal-mudelli "EQUI-INTRA-IND" u "EQUI-INTRA-CON" jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(9) Barra minn hekk, l-Artikolu 66(2), il-punt (c) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 ([8]) jipprevedi deroga li l-annimali ekwini mhux miftuma li jakkumpanjaw l-ommijiet jew l-ommijiet surrogati tagħhom mhumiex meħtieġa li jkunu akkumpanjati minn dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku. Tali sitwazzjoni jenħtieġ li tiġi riflessa fil-mudell "EQUI-INTRA-CON" għal kunsinna ta' annimali ekwini. Barra minn hekk, peress li l-annimali ekwini jistgħu jiġu mċaqilqa lejn klinika veterinarja fi Stat Membru ieħor, id-deskrizzjoni tal-kaxxa ta' referenza I.12 fin-noti tal-Parti I tal-mudelli "EQUI-INTRA-IND" u "EQUI-INTRA-CON" jenħtieġ li tiġi emendata billi tiddaħħal "klinika veterinarja" bħala post tad-destinazzjoni possibbli tal-annimali ekwini, minbarra stabbiliment irreġistrat jew approvat.

(10) Il-Kapitolu 15 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' bajd għat-tifqis tal-pollam (mudell "POU-INTRA-HEP"). Il-punt II.2.3 ta' dak il-mudell jenħtieġ li jitħassar peress li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/644/KE ([9]) ma teħtieġx garanziji addizzjonali dwar il-kontroll tas-*Salmonella* spp. għall-bajd għat-tifqis mibgħut lejn il-Finlandja jew lejn l-Iżvezja.

(11) Il-Kapitoli 23 (mudell "BOV-SEM-A-INTRA"), 26 (mudell "BOV-OOCYTES-EMB-A-INTRA"), 30 (mudell "OV/CAP-SEM-A-INTRA") u 33 (mudell "OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-INTRA") tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxu mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti prodott ġerminali tal-annimali bovini, ovini u kaprini. L-emendi għall-Artikolu 2, il-punt (12) u l-Parti 5, il-Kapitolu III tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 bir-Regolament Delegat (UE) 2023/647 dwar il-gruppi għall-ġbir tal-embrijuni u l-ħelsien staġjonali mill-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika (EHDV) jenħtieġ li jiġu riflessi f'dawk il-mudelli.

(12) Il-Kapitoli 23 (mudell "BOV-SEM-A-INTRA"), 30 (mudell "OV/CAP-SEM-A-INTRA") u 45 (mudell "EQUI-SEM-A-INTRA") tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxu mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti prodott ġerminali tal-annimali bovini, ovini u kaprini, u ekwini. L-emenda għall-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 bir-Regolament Delegat (UE) 2023/647 dwar iż-żieda ta' antibijotiċi jew taħlitiet ta' antibijotiċi mas-semen jenħtieġ li tiġi riflessa f'dawk il-mudelli.

(13) Il-Kapitoli 26 (mudell "BOV-OOCYTES-EMB-A-INTRA") u 33 (mudell "OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-INTRA") tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jenħtieġ li jiġu adattati biex jirriflettu aħjar u jimplimentaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 u 5 tal-Anness II u l-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 fir-rigward tas-semen użat għall-produzzjoni tal-embrijuni.

([8]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 115, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/2035/oj).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/644/KE tat-8 ta' Settembru 2003 li tistabbilixxi garanziji addizzjonali fir-rigward tas-salmonella għal konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' tjur tar-refgħa u flieles ta' jum biex jiġu introdotti ġo qatgħat ta' tjur tar-refgħa jew qatgħat ta' tjur produttivi (ĠU L 228, 12.9.2003, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2003/644/oj).

(14) Il-Kapitolu 38 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' semen ta' annimali porċini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, u dispaċċati miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen (mudell "POR-SEM-A-INTRA"). L-emendi għall-Parti 2 tal-Anness II u għall-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 bir-Regolament Delegat (UE) 2023/647 dwar l-ittestjar għall-virus tad-deni klassiku tal-ħnieżer tal-annimali porċini miżmuma f'ċentri tal-ġbir tas-semen u ż-żieda ta' antibijotiċi jew taħlitiet ta' antibijotiċi mas-semen jenħtieġ li jiġu riflessi f'dak il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

(15) Il-Kapitoli 40 (mudell "POR-OOCYTES-EMB-A-INTRA") u 49 (mudell "EQUI-OOCYTES-EMB-A-INTRA") tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jenħtieġ li jiġu emendati biex jirriflettu l-emendi għall-Artikolu 2, il-punt (12) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 bir-Regolament Delegat (UE) 2023/647 dwar id-definizzjoni tal-gruppi għall-ġbir tal-embrijuni u biex jirriflettu u jimplimentaw aħjar ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 u 5 tal-Anness II u l-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 fir-rigward tas-semen użat għall-produzzjoni tal-embrijuni.

(16) Il-Kapitoli 49 (mudell "EQUI-OOCYTES-EMB-A-INTRA"), 50 (mudell "EQUI-OOCYTES-EMB-B-INTRA") u 51 (mudell "EQUI-OOCYTES-EMB-C-INTRA") tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jenħtieġ li jiġu emendati biex jiċċaraw li l-ittestjar għall-anemija infettiva ekwina jinvolvi kampjunar wieħed biss tad-demm f'konformità mal-Parti 4, il-Kapitoli II, il-punt 2(b) tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686.

(17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jiġi emendat skont dan.

(18) L-Artikoli 8 sa 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jipprevedu li ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali bovini, ovini, kaprini u ekwini jridu jikkorrispondu mal-mudelli stabbiliti fil-Kapitoli 23 sa 54 tal-Anness I tiegħu, u msemmija f'dawk l-Artikoli. It-titoli ta' dawk il-mudelli fihom żbalji mhux sostantivi, inklużi ordni ambigwu tal-kliem u referenzi inkonsistenti. Għal raġunijiet ta' ċarezza tad-dritt u konsistenza, dawk l-iżbalji fl-Artikoli 8 sa 11 u l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti kif xieraq.

(19) Il-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 fiha żbalji mhux sostantivi, inklużi referenzi żbaljati, ommissjonijiet minuri, kif ukoll żbalji terminoloġiċi, grammatikali u ortografiċi, li għal raġunijiet ta' espedjenza u simplifikazzjoni jenħtieġ li jiġu kkoreġuti flimkien mal-emendi magħmula b'dan ir-Regolament għal dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni peress li dan ir-Regolament jissostitwixxi l-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni fl-intier tiegħu. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 7, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ga) CAPTIVE-BIRDS-EXHIBITION-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 21a tal-Anness I, għall-għasafar miżmuma fil-magħluq minn wirja;";

(2) fl-Artikolu 13, il-punt (e) jitħassar;

(3) l-Anness I huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 huwa kkoreġut kif ġej:

L-Artikoli 8 sa 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali bovini

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali bovini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip tal-prodotti kkonċernati:

(a) BOV-SEM-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 23 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, u dispaċċati miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) BOV-SEM-B-INTRA imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 24 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE (*), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE (**), wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-21 ta' April 2021, u dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) BOV-SEM-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 25 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/60/KEE (***), qabel l-1 ta' Jannar 2005, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(d) BOV-OOCYTES-EMB-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 26 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, dispaċċati mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(e) BOV-EMB-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 27 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE (****), qabel il-21 ta' April 2021, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-embrijuni;

(f) BOV-GP-PROCESSING-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 28 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen ta' annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva 2003/43/KE, wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 88/407/KEE kif emendata bid-Direttiva 93/60/KEE qabel l-1 ta' Jannar 2005;

— ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

(g) BOV-GP-STORAGE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 29 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen ta' annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva 2003/43/KE, wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 88/407/KEE kif emendata bid-Direttiva 93/60/KEE qabel l-1 ta' Jannar 2005;

— ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021.

Artikolu 9

Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ovini u kaprini

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ovini u kaprini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip ta' prodotti kkonċernati:

(a) OV/CAP-SEM-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 30 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' semen ta' annimali ovini u kaprini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, dispaċċati miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) OV/CAP-SEM-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 31 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali ovini u kaprini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) OV/CAP-SEM-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 32 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali ovini u kaprini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(d) OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 33 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, dispaċċati mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(e) OV/CAP-OOCYTES-EMB-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 34 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(f) OV/CAP-OOCYTES-EMB-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 35 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(g) OV/CAP-GP-PROCESSING-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 36 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen ta' annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ovini u kaprini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ovini u kaprini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

(h) OV/CAP-GP-STORAGE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 37 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen ta' annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ovini u kaprini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ovini u kaprini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010.

Artikolu 10

Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali porċini

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali porċini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip ta' prodotti kkonċernati:

(a) POR-SEM-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 38 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' semen ta' annimali porċini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, dispaċċati miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) POR-SEM-B-INTRA imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 39 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali porċini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE (*****) qabel il-21 ta' April 2021, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) POR-OOCYTES-EMB-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 40 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, dispaċċati mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(d) POR-OOCYTES-EMB-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 41 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(e) POR-OOCYTES-EMB-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 42 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(f) POR-GP-PROCESSING-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 43 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen ta' annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali porċini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— ooċiti u embrijuni ta' annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

(g) POR-GP-STORAGE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 44 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen ta' annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali porċini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— ooċiti u embrijuni ta' annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010.

Artikolu 11

Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ekwini

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ekwini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip ta' prodotti kkonċernati:

(a) EQUI-SEM-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 45 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, dispaċċati miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) EQUI-SEM-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 46 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) EQUI-SEM-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 47 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(d) EQUI-SEM-D-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 48 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(e) EQUI-OOCYTES-EMB-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 49 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, dispaċċati mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(f) EQUI-OOCYTES-EMB-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 50 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(g) EQUI-OOCYTES-EMB-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 51 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(h) EQUI-OOCYTES-EMB-D-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 52 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(i) EQUI-GP-PROCESSING-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 53 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen ta' annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

(j) EQUI-GP-STORAGE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 54 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen ta' annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010.

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' deep frozen semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1988/407/oj).

(**) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE tas-26 ta' Mejju 2003 li temenda d-Direttiva 88/407/KEE dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-kummerċ intrakomunitarju u l-importazzjoni tal-isperma tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (ĠU L 143, 11.6.2003, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/43/oj).

(***) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/60/KEE tat-30 ta' Ġunju 1993 li temenda d-Direttiva 88/407/KEE li tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni tas-semen deep-frozen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-ifrat u li testendiha biex tkopri semen frisk tal-ifrat (ĠU L 186, 28.7.1993, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1993/60/oj).

(****) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-ifrat (ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1989/556/oj).

(*****) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1990/429/oj)."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS I

L-Anness I fih il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali li ġejjin għall-moviment bejn l-Istati Membri:

Mudell

Ungulati	
BOV-INTRA-X	Kapitolu 1: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali bovini mhux maħsuba għall-iskarnar
BOV-INTRA-Y	Kapitolu 2: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali bovini maħsuba għall-iskarnar
POR-INTRA-X	Kapitolu 3: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali porċini mhux maħsuba għall-iskarnar
POR-INTRA-Y	Kapitolu 4: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali porċini maħsuba għall-iskarnar
OV/CAP-INTRA-X	Kapitolu 5: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali ovini u kaprini mhux maħsuba għall-iskarnar
OV/CAP-INTRA-Y	Kapitolu 6: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali ovini u kaprini maħsuba għall-iskarnar
EQUI-INTRA-IND	Kapitolu 7: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimal individwali ekwin mhux maħsub għall-iskarnar
EQUI-INTRA-CON	Kapitolu 8: Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' kunsinna tal-annimali ekwini
CAM-INTRA-X	Kapitolu 9: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali kamelidi mhux maħsuba għall-iskarnar
CAM-INTRA-Y	Kapitolu 10: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali kamelidi maħsuba għall-iskarnar
CER-INTRA-X	Kapitolu 11: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali ċervidi mhux maħsuba għall-iskarnar
CER-INTRA-Y	Kapitolu 12: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali ċervidi maħsuba għall-iskarnar
OTHER-UNGULATES-INTRA-X	Kapitolu 13: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali ungulati miżmuma għajr annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, ekwini, kamelidi u ċervidi mhux maħsuba għall-iskarnar
OTHER-UNGULATES-INTRA-Y	Kapitolu 14: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali ungulati miżmuma għajr annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, ekwini, kamelidi u ċervidi maħsuba għall-iskarnar
Għasafar u l-prodotti ġerminali tagħhom	
POU-INTRA-HEP	Kapitolu 15: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' bajd għat-tifqis tal-pollam
POU-INTRA-DOC	Kapitolu 16: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' flieles ta' ġurnata
POU-INTRA-X	Kapitolu 17: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' pollam tat-tnissil u pollam produttiv

Ungulati	
POU-INTRA-LT20	Kapitolu 18: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' inqas minn 20 eżemplar tal-pollam għajr ir-ratiti jew inqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam għajr ir-ratiti
POU-INTRA-Y	Kapitolu 19: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' pollam maħsub għall-iskarnar
POU-INTRA-SPF	Kapitolu 20: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' bajd ħieles minn patoġeni speċifikati
CAPTIVE-BIRDS-INTRA	Kapitolu 21: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' għasafar miżmuma fil-magħluq
CAPTIVE-BIRDS-EXHIBITION-INTRA	Kapitolu 21a: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' għasafar miżmuma fil-magħluq minn wirja
HE-CAPTIVE-BIRDS-INTRA	Kapitolu 22: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma fil-magħluq

Prodotti ġerminali ta' annimali bovini

BOV-SEM-A-INTRA	Kapitolu 23: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, dispaċċati miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen
BOV-SEM-B-INTRA	Kapitolu 24: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE, wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-21 ta' April 2021, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen
BOV-SEM-C-INTRA	Kapitolu 25: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' stokkijiet ta' semen ta' annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 93/60/KEE, qabel l-1 ta' Jannar 2005, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen
BOV-OOCYTES-EMB-A-INTRA	Kapitolu 26: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, dispaċċati mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni
BOV-EMB-B-INTRA	Kapitolu 27: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' stokkijiet ta' embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021, dispaċċati wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-embrijuni
	I.15	**Mezz tat-trasport** □ Bastiment / □ Inġenju tal-ajru □ Ferrovija / □ Vettura tat-triq Identifikazzjoni / □ Oħrajn Dokument		**I.16**	**Trasportatur** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Awtorizzazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
				I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip / Kodiċi Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessaħ	□ Iffriżat	
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur / Nru tas-siġill				
	I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal**				
	□ Żamma ulterjuri	□ Skarnar	□ Stabbiliment konfinat	□ Prodotti ġerminali		
	□ Annimali ekwini rreġistrati	□ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali	□ Wirja	□ Avveniment jew attività qrib il-fruntieri		
	□ Ħelsien fis-selvaġġ	□ Ċentru tad-dispaċċ	□ Żona ta' riinstallazzjoni/ċentru ta' purifikazzjoni	□ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali		
	□ Ipproċessar ulterjuri	□ Fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija	□ Użu tekniku	□ Stabbiliment ta' kwarantina jew stabbiliment simili		
	□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem	□ Dakkir	□ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem	□ Oħrajn		
	I.21	**□ Għat-tranżitu minn pajjiż terz**				
	Pajjiż terz / Kodiċi ISO tal-pajjiż					
	Punt ta' ħruġ / Kodiċi BCP					
	Punt ta' dħul / Kodiċi BCP					

I.22	□ Għat-tranżitu mill-Istat(i) Membru/i		I.23	□ Għall-esportazzjoni	
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Punt ta' ħruġ	Kodiċi BCP
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż			
I.24	**Ħin stmat tal-vjaġġ**		**I.25**	**Ġurnal tal-vjaġġ**	□ iva □ le
I.26	**Għadd totali ta' imballaġġi**		**I.27**	**Kwantità totali**	
I.28	**Piż nett totali/piż gross (kg)**		**I.29**	**Spazju totali previst għall-kunsinna**	

I.30 Deskrizzjoni tal-kunsinna

Kodiċi CN	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità Tip
Reġjun tal-oriġini		Maħżen kiesaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	Test	

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-INTRA-IND**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

II.1.1. L-annimal ikun akkumpanjat mid-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku tiegħu kif previst fl-Artikolu 65, 67 jew 68 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035, jew minn dokument temporanju maħruġ f'konformità mal-Artikolu 61(2) tiegħu.

(1) [Id-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku nħareġ f'konformità mal-Artikolu 65(2) jew l-Artikolu 67(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jew id-dokument temporanju nħareġ f'konformità mal-Artikolu 61(2) ta' dak ir-Regolament, għal annimal ekwin irreġistrat kif definit fl-Artikolu 2(30) ta' dak ir-Regolament Delegat.]

(1) [Id-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku jinkludi marka ta' validazzjoni valida f'konformità mal-Artikolu 65(1), il-punt (i)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.]

(1) [Id-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku jinkludi liċenzja valida f'konformità mal-Artikolu 65(1), il-punt (i)(ii) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.]

II.1.2. L-annimal ma jkunx wera sinjali jew sintomi tal-mard elenkat għall-annimali ekwini waqt l-eżami kliniku, li twettaq fl-aħħar 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq tiegħu, jew fl-aħħar jum tax-xogħol qabel id-data tat-tluq tiegħu, mill-istabbiliment irreġistrat, fi …….. (*daħħal id-data jj/xx/ssss*).

II.2. Skont l-informazzjoni uffiċjali, l-annimal deskritt fil-Parti I jissodisfa r-rekwiżiti tas-saħħa li ġejjin:

(1) *jew* [II.2.1. L-annimali ġej minn stabbiliment jew żona mhux soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali ekwini u stabbiliti għal raġunijiet ta' mard elenkat għal dawk l-ispeċijiet jew il-mard soġġetti għal miżuri ta' emerġenza rilevanti għal dawk l-ispeċijiet, u l-annimal ma ġiex f'kuntatt ma' annimali miżmuma ta' speċi elenkata bi stat ta' saħħa inferjuri għal perjodu xieraq.]

(1) *jew* [II.2.1. L-annimal ġej minn stabbiliment jew żona soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali ekwini u stabbiliti għal …… (2), iżda ngħataw derogi mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment, u:

(1) [jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fi ……..….. (3);]]

(1) [u b'mod partikolari, huwa ……..……..…….. (4).]]

II.2.2. L-annimal ikun ġej minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, u

(1) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra fl-istabbiliment matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tiegħu.]

(1) *jew* [tkun ġiet irrapportata s-surra fl-istabbiliment matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tiegħu u wara d-data tal-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment:

(1) *jew* [sad-data li fiha l-annimali li jkun fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test għas-surra b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha jkun tneħħa l-aħħar annimal infettat mill-istabbiliment.]]

(1) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata, u l-bini tnaddaf u ġie diżinfettat.]]

II.2.3. L-annimal ikun ġej minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina matul l-aħħar 6 xhur qabel id-data tat-tluq tiegħu, u:

(1) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina fl-istabbiliment matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tiegħu.]

(1) *jew* [tkun ġiet irrapportata d-durina fl-istabbiliment matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tiegħu u wara d-data tal-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment:

(1) *jew* [sad-data li fiha l-annimali ekwini li jkun fadal fl-istabbiliment, ħlief annimali ekwini maskili kkastrati, ikunu ġew soġġetti għal test għad-durina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 8 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati, jew wara li jkunu ġew ikkastrati l-annimali ekwini maskili infettati kollha.]]

(1) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment, u wara li l-bini jkun tnaddaf u ġie diżinfettat.]]

II.2.4. L-annimal ikun ġej minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina matul l-aħħar 90 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, u:

(1) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina fl-istabbiliment matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu.]

(1) *jew* [tkun ġiet irrapportata l-anemija infettiva ekwina fl-istabbiliment matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu u wara d-data tal-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment:

(1) *jew* [sad-data li fiha l-annimali ekwini li jkun fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test għall-anemija infettiva ekwina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 9 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall minimu ta' 90 jum wara d-data li fiha jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati u wara li jkunu tnaddaf u ġie diżinfettat l-istabbiliment.]]

(1) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment, u wara li l-bini jkun tnaddaf u ġie diżinfettat.]]

II.2.5. L-annimal ikun ġej minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela matul l-aħħar 6 xhur qabel id-data tat-tluq tiegħu, u:

(1) *jew* [matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tiegħu, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fl-Istat Membru jew f'żona tiegħu fejn ikun jinsab l-istabbiliment.]

(1) *jew* [matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tiegħu, tkun ġiet irrapportata l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela fl-Istat Membru jew f'żona tiegħu fejn ikun jinsab l-istabbiliment u, matul l-aħħar 21 jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal imsemmi fil-punt II.1, l-annimali ekwini kollha fl-istabbiliment ikunu baqgħu klinikament f'saħħithom, u:

(1) *jew* [l-annimal imsemmi fil-punt II.1 inżamm fi kwarantina protett minn attakki minn insetti vetturi, u kwalunkwe annimal ekwin li wera żieda fit-temperatura tal-ġisem meħuda kuljum ikun ġie soġġett b'riżultat negattiv għal test dijanjostiku għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10, il-punt 1(a) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, u l-annimal imsemmi fil-punt II.1:

(1) *jew* [ikun tlaqqam kontra l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela b'kors primarju komplet u tlaqqam mill-ġdid f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur mhux inqas minn 60 jum u mhux aktar minn 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu.]]]

(1) *jew* [ikun ġie soġġett għal test seroloġiku għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10, il-punt 1(b) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tad-dħul tiegħu fi kwarantina.]]]

(1) *jew* [it-temperatura tal-ġisem tal-annimal imsemmi fil-punt II.1 tkun ittieħdet kuljum, jew mingħajr żieda jew inkella l-annimal ikun ġie soġġett għal test dijanjostiku għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10, il-punt 1(a) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultati negattivi, u l-annimal imsemmi fil-punt II.1 ikun ġie soġġett għal testijiet għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela bil-metodi dijanjostiċi previsti:

– fil-Parti 10, il-punt 1(b) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, mingħajr żieda fit-titru tal-antikorpi, imwettqa fuq kampjuni akkoppjati meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 21 jum, bit-tieni wieħed minnhom ikun ittieħed matul l-aħħar 10 ijiem qabel id-data tat-tluq tiegħu, u

– fil-Parti 10, il-punt 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultat negattiv, imwettqa fuq kampjun meħud fl-aħħar 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq tiegħu, u l-annimal ikun ġie protett minn attakki minn insetti vetturi wara t-teħid ta' kampjuni sad-data tat-tluq tiegħu.]]

II.2.6. L-annimal ikun ġej minn stabbiliment li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu.

II.2.7. L-annimal ikun ġej minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu.

II.2.8. L-annimal ġej minn stabbiliment fejn, sa fejn naf jien, wara inkjesta xierqa, u kif iddikjarat mill-operatur, ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża mhux iddeterminata u l-annimal ma kienx f'kuntatt ma' annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati li ma kinux konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punti II.2.1. sa II.2.6. matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, u mar-rekwiżit imsemmi fil-punt II.2.7. matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq tiegħu.

II.3. Isiru arranġamenti:

(1) *jew* [għat-trasport tal-annimal f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688.]

(1) *jew* [għaċ-ċaqliq tal-annimal bil-pass.]

II.4. Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali huwa validu għal:

(1) *jew* [10 ijiem mid-data tal-ħruġ, u]

(1) *jew* [30 jum mid-data tal-ħruġ, u tkun attestata marka valida ta' validazzjoni jew liċenzja valida fil-punt II.1.1, u]

fil-każ ta' trasport tal-annimal permezz ta' passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar, il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ permezz ta' passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar.

Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali

Fil-ħin tal-ispezzjoni, l-annimal kopert minn dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kien b'saħħtu biżżejjed biex jiġi ttrasportat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 għall-vjaġġ maħsub li għandu jibda fi..... *(daħħal id-data)*.

Noti:

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa ta' referenza I.11: "Post tad-dispaċċ": Indika stabbiliment tad-dispaċċ irreġistrat tal-annimal ekwin jew, diment li l-annimal jiġi ttrasportat, stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ f'konformità mal-Artikoli 97 u 99 tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Kaxxa ta' referenza I.12: "Post tad-destinazzjoni": Indika stabbiliment tad-destinazzjoni irreġistrat jew, diment li l-annimal jiġi ttrasportat, stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ f'konformità mal-Artikoli 97 u 99 tar-Regolament (UE) 2016/429, jew klinika veterinarja.

Kaxxa ta' referenza I.22: "Għat-tranżitu mill-Istat(i) Membru/i": Indika kull Stat Membru ta' tranżitu. Fil-każ ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jkun validu għal 30 jum, indika l-Istati Membri kollha li minnhom ikun għadda l-annimali ekwin waqt ir-ritorn tiegħu lejn l-istabbiliment tat-tluq tiegħu.

Kaxxa ta' referenza I.30: "Numru ta' identifikazzjoni": Indika l-kodiċi uniku tal-annimal ekwin imsemmi fl-Artikolu 65(1), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.

Parti II:

(1) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(2) Daħħal l-isem tal-mard(a).

(3) Daħħal ir-referenza speċifika għall-artikolu/i, it-titolu u n-numru tal-att(i) legali rilevanti adottati mill-Kummissjoni li jipprevedu dawk ir-rekwiżiti.

(4) Daħħal l-attestazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi prevista/i u rikjesta/i mill-att(i) legali rilevanti adottati mill-Kummissjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 126(1), il-punti (b)(ii) u (iii) tar-Regolament (UE) 2016/429.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali)	Kwalifika u titolu
Isem l-Unità ta' Kontroll Lokali	Kodiċi tal-Unità ta' Kontroll Lokali
Data	
Timbru	Firma

KAPITOLU 8

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦALL-MOVIMENT BEJN L-ISTATI MEMBRI TA' KUNSINNA TA' ANNIMALI EKWINI (MUDELL "EQUI-INTRA-CON")

L-UNJONI EWROPEA					**INTRA**
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza tal-IMSOC**	**KODIĊI QR**
			I.2a	**Referenza lokali**	
			I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	
			I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
	I.5	**Konsenjatarju** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment** Isem / Nru tar-reġistrazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini** / Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni** / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.8	**Reġjun tal-oriġini** / Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni** / Kodiċi	
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.13	**Post tat-tagħbija**	**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
	I.15	**Mezz tat-trasport** □ Bastiment / □ Inġenju tal-ajru □ Ferrovija / □ Vettura tat-triq Identifikazzjoni / □ Oħrajn Dokument	**I.16**	**Trasportatur** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Awtorizzazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
			I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip / Kodiċi Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat			
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur / Nru tas-siġill			
	I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal** □ Żamma ulterjuri / □ Skarnar / □ Stabbiliment konfinat / □ Prodotti ġerminali □ Annimali ekwini rreġistrati / □ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali / □ Wirja / □ Avveniment jew attività qrib il-fruntieri □ Ħelsien fis-selvaġġ / □ Ċentru tad-dispaċċ / □ Żona ta' riinstallazzjoni/ċentru ta' purifikazzjoni / □ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali □ Ipproċessar ulterjuri / □ Fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija / □ Użu tekniku / □ Stabbiliment ta' kwarantina jew stabbiliment simili □ Prodotti għall-konsum mill-bniedem / □ Dakkir / □ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem / □ Oħrajn			
	I.21	**□ Għat-tranżitu minn pajjiż terz** Pajjiż terz / Kodiċi ISO tal-pajjiż Punt ta' ħruġ / Kodiċi BCP Punt ta' dħul / Kodiċi BCP			

I.22	□ Għat-tranżitu mill-Istat(i) Membru/i			I.23	□ Għall-esportazzjoni		
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż			Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż			Punt ta' ħruġ	Kodiċi BCP	
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż					
I.24	**Mezz tat-trasport**			**I.25**	**Ġurnal tal-vjaġġ**	□ iva	□ le
I.26	**Għadd totali ta' imballaġġi**			**I.27**	**Kwantità totali**		
I.28	**Piż nett totali/piż gross (kg)**			**I.29**	**Spazju totali previst għall-kunsinna**		

I.30 Deskrizzjoni tal-kunsinna

Kodiċi CN	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità
							Tip
Reġjun tal-oriġini		Maħżen kiesaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	Test	

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-INTRA-CON**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-annimali ekwini [(1)] tal-kunsinna deskritta fil-Parti I jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

[(2)] *jew* [II.1.1. Ikunu akkumpanjati mid-dokumenti ta' identifikazzjoni permanenti uniċi tagħhom kif previst:

[(2)] *jew* [fl-Artikolu 65, 67 jew 68 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035, u ma jkunux maħsuba għall-iskarnar għall-konsum mill-bniedem.]

[(2)] *jew* [fl-Artikolu 65 jew l-Artikolu 67(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, u jkunu maħsuba għall-iskarnar għall-konsum mill-bniedem.]

[(2)] [Id-dokumenti ta' identifikazzjoni permanenti uniċi tagħhom inħarġu f'konformità mal-Artikolu 65(2) jew l-Artikolu 67(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 għal annimali ekwini rreġistrati kif definit fl-Artikolu 2(30) ta' dak ir-Regolament Delegat.]

[(2)] [Id-dokumenti ta' identifikazzjoni permanenti uniċi tagħhom jinkludu marka ta' validazzjoni valida f'konformità mal-Artikolu 65(1), il-punt (i)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.]

[(2)] [Id-dokumenti ta' identifikazzjoni permanenti uniċi tagħhom jinkludi liċenzja valida f'konformità mal-Artikolu 65(1), il-punt (i)(ii) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.]]

[(2)] *u/jew* [II.1.2. Mhumiex akkumpanjati minn dokumenti ta' identifikazzjoni permanenti uniċi u mhumiex miftuma u jakkumpanjaw lil ommu jew lil ommu adottiva kif previst fl-Artikolu 58(2), il-punt (a), u fl-Artikolu 66(2), il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.]

II.1.3. Ma jkunux urew sinjali jew sintomi tal-mard elenkat għall-annimali ekwini waqt l-eżami kliniku li twettaq fl-aħħar 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq tal-kunsinna, jew fl-aħħar jum tax-xogħol qabel it-tluq tal-kunsinna, mill-istabbiliment irreġistrat, fi …… (*daħħal id-data jj/xx/ssss*).

[(2)] [II.1.4. Huma maħsuba biex jiġu skarnati għall-finijiet ta' eradikazzjoni tal-mard bħala parti minn programm ta' eradikazzjoni, kif previst fl-Artikolu 31(1) jew (2) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-Istat Membru tad-destinazzjoni u, fejn applikabbli, l-Istat Membru tal-passaġġ awtorizza(w) il-moviment minn qabel.]

II.2. Skont l-informazzjoni uffiċjali, l-annimali deskritti fil-Parti I jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa li ġejjin:

[(2)] *jew* [II.2.1. Ġejjin minn stabbilimenti jew żoni mhux soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali ekwini u stabbiliti għal raġunijiet ta' mard elenkat għal dawk l-ispeċijiet jew il-mard soġġetti għal miżuri ta' emerġenza rilevanti għal dawk l-ispeċijiet, u l-annimali ma ġewx f'kuntatt ma' annimali miżmuma ta' speċi elenkata bi stat ta' saħħa inferjuri għal perjodu xieraq.]

[(2)] *jew* [II.2.1. Ġejjin minn stabbilimenti jew żoni soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali ekwini u stabbiliti għal …… [(3)], iżda ngħataw derogi mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment, u:

[(2)] [jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fi …… [(4)];]]

[(2)] [u b'mod partikolari, huma …… [(5)].]]

II.2.2. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u:

[(2)] *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra fl-istabbilimenti matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]

[(2)] *jew* [tkun ġiet irrapportata s-surra fl-istabbilimenti matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u wara d-data tal-aħħar tifqigħa, l-istabbilimenti affettwati jkunu baqgħu taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment:

[(2)] *jew* [sad-data li fiha l-annimali li jkun fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test għas-surra b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha jkun tneħħa l-aħħar annimal infettat mill-istabbiliment.]]

(2) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata, u l-bini tnaddaf u ġie diżinfettat;]]

II.2.3. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina matul l-aħħar 6 xhur qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u:

(2) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina fl-istabbilimenti matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna.]

(2) *jew* [tkun ġiet irrapportata d-durina fl-istabbilimenti matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u wara d-data tal-aħħar tifqigħa, l-istabbilimenti affettwati jkunu baqgħu taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment:

(2) *jew* [sad-data li fiha l-annimali ekwini li jkun fadal fl-istabbiliment, ħlief annimali ekwini maskili kkastrati, ikunu ġew soġġetti għal test għad-durina bil-metodu dijanjostiku previst fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati, jew id-data li fiha jkunu ġew ikkastrati l-annimali ekwini maskili infettati kollha;]]

(2) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata, u l-bini tnaddaf u ġie diżinfettat;]]

II.2.4. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina matul l-aħħar 90 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u:

(2) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina fl-istabbilimenti matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]

(2) *jew* [tkun ġiet irrapportata l-anemija infettiva ekwina fl-istabbilimenti matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u wara d-data tal-aħħar tifqigħa, l-istabbilimenti affettwati jkunu baqgħu taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment:

(2) *jew* [sad-data li fiha l-annimali ekwini li jkun fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test għall-anemija infettiva ekwina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 9 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall minimu ta' 90 jum wara d-data li fiha jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati u wara li jkunu tnaddaf u ġie diżinfettat l-istabbiliment;]]

(2) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata, u l-bini tnaddaf u ġie diżinfettat;]]

II.2.5. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela matul l-aħħar 6 xhur qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u:

(2) *jew* [matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fl-Istat Membru jew żona tiegħu fejn ikun jinsabu l-istabbilimenti;]

(2) *jew* [matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, tkun ġiet irrapportata l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela fl-Istat Membru jew żona tiegħu fejn ikun jinsabu l-istabbilimenti u, matul l-aħħar 21 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna l-annimali ekwini kollha fl-istabbilimenti jkunu baqgħu klinikament f'saħħithom, u:

(2) *jew* [l-annimali tal-kunsinna nżammu fi kwarantina protetti minn attakki minn insetti vetturi, u kwalunkwe annimal ekwin li wera żieda fit-temperatura tal-ġisem meħuda kuljum ikun ġie soġġett b'riżultat negattiv għal test dijanjostiku għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10, il-punt 1(a) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, u l-annimali tal-kunsinna:

[2] *jew* [ikunu tlaqqamu kontra l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela b'kors primarju komplet u jkunu tlaqqamu mill-ġdid f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur mhux inqas minn 60 jum u mhux aktar minn 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]]]

[2] *jew* [ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10, il-punt 1(b) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tad-dħul tagħhom fi kwarantina;]]]

[2] *jew* [it-temperatura tal-ġisem tal-annimali tal-kunsinna tkun ittieħdet kuljum, jew mingħajr żieda jew inkella l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test dijanjostiku għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10, il-punt 1(a) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultati negattivi, u l-annimali tal-kunsinna jkunu ġew soġġetti għal testijiet għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela bil-metodi dijanjostiċi previsti:

– fil-Parti 10, il-punt 1(b) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, mingħajr żieda fit-titru tal-antikorpi, imwettqa fuq kampjuni akkoppjati meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 21 jum, bit-tieni wieħed minnhom ikun ittieħed matul l-aħħar 10 ijiem qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u

– fil-Parti 10, il-punt 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultat negattiv, imwettqa fuq kampjun meħud fl-aħħar 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq tal-kunsinna, u l-annimali jkunu ġew protetti minn attakki minn insetti vetturi wara t-teħid ta' kampjuni sad-data tat-tluq tal-kunsinna;]]

II.2.6. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;

II.2.7. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;

II.2.8. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti fejn, sa fejn naf jien u kif iddikjarat mill-operatur, ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża mhux iddeterminata u ma kinux f'kuntatt ma' annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati li ma kinux konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punti II.2.1. sa II.2.6. matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u mar-rekwiżit imsemmi fil-punt II.2.7. matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna.

II.3. Isiru arranġamenti għat-trasport tal-kunsinna f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688.

II.4. Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta' trasport tal-annimali permezz ta' passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar, il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ permezz ta' passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar.

[2] [6] [II.5. Mid-data tat-tluq mill-istabbilimenti tal-oriġini rreġistrati tagħhom u qabel id-data tal-wasla f'dan l-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ, l-ebda wieħed mill-annimali tal-kunsinna ma jkun għadda minn aktar minn żewġ operazzjonijiet ta' assemblaġġ, u:

[2] *jew* [ikunu ġejjin mill-istabbilimenti tat-tluq irreġistrati tagħhom.]]

[2] *jew* [mill-inqas wieħed mill-annimali tal-kunsinna jkun għadda minn operazzjoni waħda ta' assemblaġġ fi stabbiliment approvat.]]

[2] *jew* [mill-inqas wieħed mill-annimali tal-kunsinna jkun għadda minn żewġ operazzjonijiet ta' assemblaġġ fl-istabbilimenti approvati.]]

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-INTRA-CON**

Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali

Fil-ħin tal-ispezzjoni, l-annimali koperti minn dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kienu f'saħħithom biżżejjed biex jiġu ttrasportati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 għall-vjaġġ maħsub li għandu jibda fi..... *(daħħal id-data)* [7][8].

Noti:

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa ta' referenza I.11: "Post tad-dispaċċ": Indika stabbiliment tad-dispaċċ irreġistrat tal-annimali ekwini jew stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ f'konformità mal-Artikoli 97 u 99 tar-Regolament (UE) 2016/429.

Kaxxa ta' referenza I.12: "Post tad-destinazzjoni": Indika stabbiliment tad-destinazzjoni irreġistrat jew stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ f'konformità mal-Artikoli 97 u 99 tar-Regolament (UE) 2016/429, jew klinika veterinarja.

Kaxxa ta' referenza I.17: "Dokumenti ta' akkumpanjament": F'każ li l-annimali jiġu dispaċċati minn stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fl-Istat Membru tal-oriġini, jista'/jistgħu jiġi/u indikat(i) (i)n-numru/i ta' referenza tad-dokument(i) uffiċjali, li abbażi tiegħu/tagħhom jinħareġ iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal din il-kunsinna f'dan l-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ.

F'każ li l-annimali jiġu dispaċċati minn stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fl-Istat Membru tal-passaġġ, għandu/għandhom jiġi/u indikat(i) (i)n-numru/i ta' referenza taċ-ċertifikat(i) tas-saħħa tal-annimali, li abbażi tiegħu/tagħhom jinħareġ iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal din il-kunsinna f'dan l-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ.

Kaxxa ta' referenza I.22: "Għat-tranżitu mill-Istat(i) Membru/i": Indika kull Stat Membru ta' tranżitu.

Kaxxa ta' referenza I.30: "Numru ta' identifikazzjoni": Indika għal kull annimali tal-kunsinna l-kodiċi uniku msemmi fl-Artikolu 65(1). il-punt (b) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jew il-kodiċi muri mill-mezz ta' identifikazzjoni definit fil-punt (a), (c) jew (e) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jekk l-annimal ma jkunx miftum u jakkumpanja lil ommu jew lil ommu adottiva.

Parti II:

(1) Jista' jkun hemm annimal wieħed jew aktar fil-kunsinna.

(2) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(3) Daħħal l-isem tal-mard(a).

(4) Daħħal ir-referenza speċifika għall-artikolu/i, it-titolu u n-numru tal-att(i) legali rilevanti adottati mill-Kummissjoni li jipprevedu dawk ir-rekwiżiti.

(5) Daħħal l-attestazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi prevista/i u rikjesta/i mill-att(i) legali rilevanti adottati mill-Kummissjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 126(1), il-punti (b)(ii) u (iii) tar-Regolament (UE) 2016/429.

(6) Applikabbli f'każ li l-kunsinna tiġi dispaċċata mill-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ.

(7) Fil-każ meta kunsinna tkun miġbura fi stabbiliment approvat għal operazzjonijiet ta' assemblaġġ u tkun tinkludi annimali li jkunu tgħabbew f'dati differenti, id-data li fiha nbeda l-vjaġġ għall-kunsinna sħiħa titqies li hija l-aktar data bikrija meta kwalunkwe parti tal-kunsinna tkun ħalliet l-istabbiliment tal-oriġini.

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-INTRA-CON**

	(8) Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligu tagħhom f'konformità mar-regoli tal-Unjoni fis-seħħ, b'mod partikolari rigward l-istat tas-saħħa tal-annimali li jkunu se jiġu ttrasportati.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali)	Kwalifika u titolu
Isem l-Unità ta' Kontroll Lokali	Kodiċi tal-Unità ta' Kontroll Lokali
Data	
Timbru	Firma

KAPITOLU 9

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦALL-MOVIMENT BEJN L-ISTATI MEMBRI TA' ANNIMALI KAMELIDI MHUX MAĦSUBA GĦALL-ISKARNAR (MUDELL "CAM-INTRA-X")

L-UNJONI EWROPEA					INTRA	
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2** **Referenza tal-IMSOC** **I.2a** **Referenza lokali** **I.3** **Awtorità Kompetenti Ċentrali** **I.4** **Awtorità Kompetenti Lokali**		**KODIĊI QR**
	I.5	**Konsenjatarju** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6** **Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-reġistrazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9** **Pajjiż tad-destinazzjoni**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	**I.10** **Reġjun tad-destinazzjoni**	Kodiċi	
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12** **Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14** **Data u ħin tat-tluq**		
	I.15	**Mezz tat-trasport** □ Bastiment □ Ferrovija Identifikazzjoni Dokument	□ Inġenju tal-ajru □ Vettura tat-triq □ Oħrajn	**I.16** **Trasportatur** Isem Indirizz Pajjiż **I.17** **Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Awtorizzazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessaħ	□ Iffriżat	
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill		
	I.20	**Iċċertifikat għal jew għal** □ Żamma ulterjuri □ Annimali ekwini rreġistrati □ Ħelsien fis-selvaġġ □ Ipproċessar ulterjuri □ Prodotti għall-konsum mill-bniedem	□ Skarnar □ Ċirkuli jivvjaġġa/wirja tal-annimali □ Ċentru tad-dispaċċ □ Fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija □ Dakkir	□ Stabbiliment konfinat □ Wirja □ Żona ta' riinstallazzjoni/ċentru ta' purifikazzjoni □ Użu tekniku □ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem	□ Prodotti ġerminali □ Avveniment jew attività qrib il-fruntieri □ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali □ Stabbiliment ta' kwarantina jew stabbiliment simili □ Oħrajn	
	I.21	□ **Għat-tranżitu minn pajjiż terz** Pajjiż terz Punt ta' ħruġ Punt ta' dħul		Kodiċi ISO tal-pajjiż Kodiċi BCP Kodiċi BCP		

I.22	□ Għat-tranżitu mill-Istat(i) Membru/i		I.23	□ Għall-esportazzjoni	
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Punt ta' ħruġ	Kodiċi BCP
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż			
I.24	Mezz tat-trasport		I.25	Ġurnal tal-vjaġġ	□ iva □ le
I.26	Għadd totali ta' imballaġġi		I.27	Kwantità totali	
I.28	Piż nett totali/piż gross (kg)		I.29	Spazju totali previst għall-kunsinna	

I.30 Deskrizzjoni tal-kunsinna

Kodiċi CN	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità Tip
Reġjun tal-oriġini		Maħżen kiesaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	Test	

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat CAM-INTRA-X**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-annimali kamelidi [(1)] tal-kunsinna deskritta fil-Parti I jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.1.1. Huma identifikati kif previst fl-Artikolu 73 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035.

II.1.2. Għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, jew mit-twelid, jekk ikollhom inqas minn 30 jum,

II.1.2.1. kienu residenti kontinwament fl-istabbiliment tal-oriġini;

II.1.2.2. ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali kamelidi miżmuma bi stat ta' saħħa inferjuri jew soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-moviment għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali;

II.1.2.3. ma jkunux ġew f'kuntatt dirett jew indirett ma' annimali miżmuma li jkunu daħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna.

II.1.3. Ma jkunux urew sinjali kliniċi jew sintomi tal-mard elenkat għall-annimali kamelidi waqt l-eżami kliniku li twettaq, fi żmien l-aħħar 24 siegħa qabel il-ħin tat-tluq tal-kunsinna, fi …….. (*daħħal id-data jj/xx/ssss*).

II.2. Skont l-informazzjoni uffiċjali, l-annimali deskritti fil-Parti I jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa li ġejjin:

II.2.1. [(2)] *jew* [Ġejjin minn stabbilimenti jew żoni mhux soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali kamelidi u stabbiliti għal raġunijiet ta' mard elenkat għal dawk l-ispeċijiet jew il-mard soġġetti għal miżuri ta' emerġenza rilevanti għal dawk l-ispeċijiet, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali miżmuma ta' speċi elenkata bi stat ta' saħħa inferjuri għal perjodu xieraq.]

[(2)] *jew* [Ġejjin minn stabbilimenti jew żoni soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali kamelidi u stabbiliti għal …… [(3)], iżda ngħataw derogi mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment, u:

[(2)] [jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fi …… [(4)];]]

[(2)] [u b'mod partikolari, huma …… [(5)].]]

II.2.2. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fl-annimali kamelidi matul l-aħħar 42 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u l-annimali tal-kunsinna kienu soġġetti għal test għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-B. suis b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u fil-każ ta' annimali femminili wara li jwelldu, meħud mill-inqas 30 jum wara l-ħlas.

II.2.3. Ġejjin minn stabbilimenti li fihom tkun twettqet sorveljanza għall-infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis*) fuq annimali kamelidi miżmuma fl-istabbilimenti matul mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, kif imsemmi fl-Artikolu 23(1), il-punt (e) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688.

II.2.4. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna.

II.2.5. Ikunu ġejjin minn stabbilimenti li jinsabu f'żona ta' raġġ ta' mill-inqas 150 km madwar dawk l-istabbilimenti li fiha l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika:

[(2)] *jew* [ma tkunx ġiet irrapportata fl-annimali miżmuma tal-ispeċi elenkata għal dik il-marda matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]

	[(2) *u/jew*	[tkun ġiet irrapportata fl-annimali miżmuma tal-ispeċi elenkata għal dik il-marda matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq u l-annimali jkunu nżammu f'żona staġjonalment ħielsa mill-marda emorraġika epiżootika f'konformità mal-Partijiet 1 u 2 tal-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688: (2) *jew* għal mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;] (2) *u/jew* għal mill-inqas 28 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tad-dħul tal-annimali fiż-żona staġjonalment ħielsa mill-mard;] (2) *u/jew* għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa mill-mard.]
	(2) *u/jew*	[tkun ġiet irrapportata fl-annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq u l-annimali jkunu ġew protetti kontra attakki mill-vetturi matul it-trasport lejn il-post tad-destinazzjoni u jkunu nżammu protetti kontra attakki mill-vetturi fi stabbiliment protett mill-vetturi li jissodisfa r-rekwiżiti previsti fil-Parti 3 tal-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688: (2) *jew* għal mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;] (2) *u/jew* għal mill-inqas 28 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' protezzjoni kontra l-attakki minn vetturi;] (2) *u/jew* għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' protezzjoni kontra l-attakki minn vetturi;]
	(2) *u/jew*	[tkun ġiet irrapportata fl-annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li tali moviment huwa awtorizzat].
	II.2.6.	Ikunu ġejjin minn stabbilimenti fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna.
	II.2.7.	Ikunu ġejjin minn stabbilimenti li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u:
	(2) *jew*	[ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra fl-istabbilimenti matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna.]
	(2) *jew*	[tkun ġiet irrapportata s-surra matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna, u wara d-data tal-aħħar tifqigħa l-istabbilimenti affettwati jkunu baqgħu taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment sad-data li fiha l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbilimenti, u l-annimali li fadal fl-istabbilimenti jkunu ġew soġġetti għal test għas-surra b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbilimenti.]
	(2) *jew* [II.2.8.	Ikunu joriġinaw minn Stat Membru jew żona tiegħu ħielsa mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24), fejn ma jkun ġie kkonfermat l-ebda każ ta' infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) fil-popolazzjoni tal-annimali fil-mira matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u ma jkunux tlaqqmu b'vaċċin ħaj kontra l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) fl-aħħar 60 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 32(1), il-punt (a), (b) jew (c) jew fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688.]

	(2) *u/jew* [II.2.8.	Ikunu joriġinaw minn Stat Membru jew żona tiegħu koperti mill-programm ta' eradikazzjoni għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 32(1), il-punt (a), (b) jew (c) jew fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, u:		
	(2) *jew*	[II.2.8.1.	ikunu nżammu fi Stat Membru jew żona tiegħu staġjonalment ħielsa mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) f'konformità mal-Artikolu 40(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689:	
		(2) *jew*	[II.2.8.1.1.	għal mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]]
		(2) *u/jew*	[II.2.8.1.2.	għal mill-inqas 28 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku, b'riżultati negattivi, imwettqa fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tad-dħul tal-annimali fl-Istat Membru jew żona tiegħu staġjonalment ħielsa mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24);]]
		(2) *u/jew*	[II.2.8.1.3.	għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fl-Istat Membru jew żona tiegħu staġjonalment ħielsa mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24);]]]
	(2) *u/jew*	[II.2.8.2.	ikunu ġew protetti kontra attakki minn vetturi matul it-trasport lejn il-post tad-destinazzjoni u jkunu nżammu protetti kontra attakki minn vetturi fi stabbiliment protett mill-vetturi:	
		(2) *jew*	[II.2.8.2.1.	għal mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]]
		(2) *u/jew*	[II.2.8.2.2.	għal mill-inqas 28 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' protezzjoni kontra l-attakki minn vetturi;]]
		(2) *u/jew*	[II.2.8.2.3.	għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' protezzjoni kontra l-attakki minn vetturi;]]]
	(2) *u/jew*	[II.2.8.3.	ikunu tlaqqmu kontra s-serotipi kollha minn 1 sa 24 tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu li ġew irrapportati matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq tal-kunsinna f'dak l-Istat Membru jew żona tiegħu u jkunu fil-perjodu ta' immunità ggarantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin, u:	
		(2) *jew*	[II.2.8.3.1.	jkunu tlaqqmu aktar minn 60 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]]
		(2) *u/jew*	[II.2.8.3.2.	ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin;]]]
	(2) *u/jew*	[II.2.8.4.	ikunu ġew soġġetti, b'riżultati pożittivi, għal test seroloġiku sabiex ikunu jistgħu jiġu individwati l-antikorpi speċifiċi kontra s-serotipi kollha minn 1 sa 24 tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu rrapportati matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna f'dak l-Istat Membru jew żona tiegħu, u:	
		(2) *jew*	[II.2.8.4.1.	it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]]

		(2) *u/jew*	[II.2.8.4.2.		it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u l-annimal ikun ġie soġġett għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]]]
	(2) *u/jew*[II.2.8.				Ikunu joriġinaw minn Stat Membru jew żona tiegħu li la huma ħielsa mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u lanqas koperti mill-programm ta' eradikazzjoni għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 32(1), il-punt (a), (b) jew (c) jew fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, u:
		(2) *jew*	[II.2.8.1.		ikunu ġew protetti kontra attakki minn vetturi matul it-trasport lejn il-post tad-destinazzjoni u jkunu nżammu protetti kontra attakki minn vetturi fi stabbiliment protett mill-vetturi:
			(2) *jew*	[II.2.8.1.1.	għal mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna;]]
			(2) *u/jew*	[II.2.8.1.2.	għal mill-inqas 28 jum qabel id-data tat-tluq tal-kunsinna u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' protezzjoni kontra l-attakki minn vetturi;]]
II.3.3. jitqiegħed/jitqiegħdu f'tubi jew pakketti oħrajn li fuqhom tiġi applikata l-marka f'konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 u/jew fl-Artikolu 83(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u dik il-marka tiġi indikata fil-Kaxxa I.30;

II.3.4. jiġi/u ttrasportat(i) f'kontenitur li:

II.2.3.1. kien issiġillat u nnumerat qabel id-data tad-dispaċċ mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru, jew minn veterinarju uffiċjali, u s-siġill ikollu n-numru kif indikat fil-Kaxxa I.19;

II.2.3.2. ikun tnaddaf u ġie diżinfettat jew sterilizzat qabel l-użu, jew ikun kontenitur ġdid li jintuża darba;

(2) (8) [II.2.3.3. ikun imtela b'aġent krijoġeniku li ma jkunx intuża qabel għal prodotti oħrajn;]

(2) (9) [II.3.5. jitqiegħed/jitqiegħdu f'tubi jew pakketti oħrajn li jkunu ssiġillati b'mod sigur u ermetikament;

II.3.6. jiġi/jiġu ttrasportat(i) f'kontenitur fejn it-tipi differenti jkunu separati minn xulxin permezz ta' kompartimenti fiżiċi jew billi jitqiegħdu f'boroż protettivi sekondarji.]

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa ta' referenza I.11: "Post tad-dispaċċ": Indika n-numru tal-approvazzjoni uniku u l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali tad-dispaċċ tal-kunsinna ta' semen, ooċiti u/jew embrijuni. L-istabbilimenti tal-ħżin tal-prodotti ġerminali approvati mill-awtorità kompetenti u inklużi fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 101(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 biss.

Kaxxa ta' referenza I.12: "Post tad-destinazzjoni": Indika l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-kunsinna ta' semen, ooċiti u/jew embrijuni.

Kaxxa ta' referenza I.17: "Dokumenti ta' akkumpanjament": In-numru/i taċ-ċertifikat(i) tas-saħħa tal-annimali oriġinali relatat(i) għandu/għandhom jikkorrispondi/u għan-numru tas-serje tad-dokument(i) uffiċjali individwali jew taċ-ċertifikat(i) tas-saħħa tal-annimali li akkumpanjaw is-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni deskritti fil-Parti I miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen, u/jew mill-grupp għall-ġbir tal-embrijuni u/jew mill-grupp għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali fejn ġew ipproċessati u maħżuna s-semen, l-ooċiti jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali fejn ġew maħżuna s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni sal-istabbilimenti tal-ħżin tal-prodotti ġerminali deskritt fil-Kaxxa I.11. L-oriġinal(i) ta' dak/dawk id-dokument(i) jew dak/dawk iċ-ċertifikat(i) tas-saħħa tal-annimali jew il-kopji approvati uffiċjalment tagħhom għandhom jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

Kaxxa ta' referenza I.19: Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill.

Kaxxa ta' referenza I.26: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa ta' referenza I.30: "Tip": Speċifika jekk humiex embrijuni derivati *in vivo*, ooċiti derivati *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati.

"Numru ta' identifikazzjoni": Indika n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull annimal donatur.

"Marka ta' identifikazzjoni": Indika l-marka fuq it-tubu jew fuq pakketti oħrajn fejn jitqiegħed/jitqiegħdu s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni tal-kunsinna.

"Data tal-ġbir/produzzjoni": Indika d-data li fiha nġabar/nġabru jew ġie prodott/ġew prodotti s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni tal-kunsinna.

"In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru": Indika n-numru tal-approvazzjoni uniku taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, fejn ikun inġabar is-semen tal-kunsinna, u/jew tal-grupp għall-ġbir tal-embrijuni u/jew il-grupp għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu jkunu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni tal-kunsinna.

"Kwantità": Indika n-numru ta' tubi jew pakketti oħrajn bl-istess marka.

Parti II:

(1) L-istabbilimenti tal-ħżin tal-prodotti ġerminali approvati mill-awtorità kompetenti u inklużi fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 101(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2016/429 u fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 biss.

(2) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(3) Daħħal l-isem tal-mard(a).

(4) Daħħal ir-referenza speċifika għall-artikolu/i, it-titolu u n-numru tal-att(i) legali rilevanti adottati mill-Kummissjoni li jipprevedu dawk ir-rekwiżiti.

(5) Daħħal l-attestazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi prevista/i u rikjesta/i mill-att(i) legali rilevanti adottati mill-Kummissjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 159(2), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429.

(6) L-istabbilimenti tal-prodotti ġerminali approvati mill-awtorità kompetenti u inklużi fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 101(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2016/429 u fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 biss.

(7) Id-dokument(i) oriġinali jew iċ-ċertifikat(i) tas-saħħa tal-annimali jew il-kopji approvati b'mod uffiċjali tagħhom li akkumpanjaw is-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni deskritti fil-Parti I miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen, u/jew mill-grupp għall-ġbir tal-embrijuni jew mill-grupp għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali fejn ġew ipproċessati u maħżuna s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali fejn inħażnu s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni tal-istabbilimenti tal-ħżin tal-prodotti ġerminali tad-dispaċċ tas-semen, tal-ooċiti u/jew tal-embrijuni kif deskritt fil-Kaxxa I.11 għandhom jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POR-GP-STORAGE-INTRA**

(8) Applikabbli għal semen, ooċiti jew embrijuni ffriżati.

(9) Applikabbli għall-kunsinni fejn f'kontenitur wieħed jitqiegħdu u jiġu ttrasportati s-semen, l-ooċiti, l-embrijuni derivati *in vivo*, l-embrijuni prodotti *in vitro* u l-embrijuni mikromanipulati ta' annimali porċini.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali)	Kwalifika u titolu
Isem l-Unità ta' Kontroll Lokali	Kodiċi tal-Unità ta' Kontroll Lokali
Data	
Timbru	Firma

KAPITOLU 45

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦALL-MOVIMENTI BEJN L-ISTATI MEMBRI TA' KUNSINNI TA' SEMEN TA' ANNIMALI EKWINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAR-REGOLAMENT (UE) 2016/429 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL U MAR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/686 WARA L-20 TA' APRIL 2021, DISPAĊĊATI MIĊ-ĊENTRU TAL-ĠBIR TAS-SEMEN FEJN IKUN INĠABAR IS-SEMEN (MUDELL "EQUI-SEM-A-INTRA")

L-UNJONI EWROPEA					INTRA
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	I.1	**Konsenjatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	I.2 **Referenza tal-IMSOC** I.2a **Referenza lokali** I.3 **Awtorità Kompetenti Ċentrali** I.4 **Awtorità Kompetenti Lokali**	**KODIĊI QR**
	I.5	**Konsenjatarju** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	I.6 **Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-reġistrazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	I.9 **Pajjiż tad-destinazzjoni**	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	I.10 **Reġjun tad-destinazzjoni**	Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	I.12 **Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**		I.14 **Data u ħin tat-tluq**	
	I.15	**Mezz tat-trasport** □ Bastiment □ Ferrovija Identifikazzjoni Dokument	□ Inġenju tal-ajru □ Vettura tat-triq □ Oħrajn	I.16 **Trasportatur** Isem Indirizz Pajjiż I.17 **Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Awtorizzazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessaħ	□ Iffriżat
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill	
	I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal**			
	□ Żamma ulterjuri	□ Skarnar	□ Stabbiliment konfinat	□ Prodotti ġerminali	
	□ Annimali ekwini rreġistrati	□ Ċirkuli jivvjaġġa/wirja tal-annimali	□ Wirja	□ Avveniment jew attività qrib il-fruntieri	
	□ Ħelsien fis-selvaġġ	□ Ċentru tad-dispaċċ	□ Żona ta' riinstallazzjoni/ċentru ta' purifikazzjoni	□ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali	
	□ Ipproċessar ulterjuri	□ Fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija	□ Użu tekniku	□ Stabbiliment ta' kwarantina jew stabbiliment simili	
	□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem	□ Dakkir	□ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem	□ Oħrajn	
	I.21	□ **Għat-tranżitu minn pajjiż terz**			
		Pajjiż terz		Kodiċi ISO tal-pajjiż	
		Punt ta' ħruġ		Kodiċi BCP	
		Punt ta' dħul		Kodiċi BCP	

I.22	□ Għat-tranżitu mill-Istat(i) Membru/i		I.23	□ Għall-esportazzjoni	
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Punt ta' ħruġ	Kodiċi BCP
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż			
I.24	**Ħin stmat tal-vjaġġ**		**I.25**	**Ġurnal tal-vjaġġ**	□ iva □ le
I.26	**Għadd totali ta' imballaġġi**		**I.27**	**Kwantità totali**	
I.28	**Piż nett totali/piż gross (kg)**		**I.29**	**Spazju totali previst għall-kunsinna**	

I.30 Deskrizzjoni tal-kunsinna

Kodiċi CN	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità Tip
Reġjun tal-oriġini		Maħżen kiesaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	Test	

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-A-INTRA**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa

II.a Referenza taċ-ċertifikat	**II.b Referenza tal-IMSOC**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Is-semen tal-annimali ekwini deskritt fil-Parti I:

II.1.1. inġabar, ġie pproċessat u nħażen, u ġie dispaċċat miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen [1] li huwa approvat u miżmum f'reġistru mill-awtorità kompetenti;

II.1.2. inġabar, ġie pproċessat u nħażen, u ġie dispaċċat miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen li jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686;

[2] *jew* [II.1.3. huwa dispaċċat minn ċentru tal-ġbir tas-semen jew żona mhux soġġetta għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali ekwini u stabbiliti għal raġunijiet ta' mard elenkat rilevanti għal dawk l-ispeċijiet soġġetti għal miżuri ta' emerġenza rilevanti għal dawk l-ispeċijiet, jew dawk ir-restrizzjonijiet ma japplikawx għal dan is-semen minħabba li jkun inġabar qabel ma ġew stabbiliti r-restrizzjonijiet, u ma jkunx ġie f'kuntatt ma semen ieħor ta' stat ta' saħħa inferjuri għal perjodu xieraq.]

[2] *jew* [II.1.3. huwa dispaċċat minn ċentru tal-ġbir tas-semen jew żona soġġetta għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali ekwini u stabbiliti għal ……. [3], iżda ngħataw derogi mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment, u:

[2] [jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fi ……..... [4];]]

[2] [u b'mod partikolari, huwa …….. [5].]]

II.2. Is-semen deskritt fil-Parti I huwa maħsub għar-riproduzzjoni artifiċjali u nkiseb minn annimali donaturi li:

II.2.1. twieldu fl-Unjoni u baqgħu hemm mit-twelid, inkella daħlu fl-Unjoni f'konformità mar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni;

II.2.2. ġejjin, qabel jidħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, minn stabbilimenti fi Stat Membru jew żona tiegħu, jew minn stabbilimenti taħt kontroll uffiċjali mill-awtorità kompetenti f'pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu li fiha:

II.2.2.1. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) matul it-30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen, u:

[2] *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra fl-istabbilimenti matul is-sentejn qabel id-data tal-ġbir tas-semen;]

[2] *jew* [tkun ġiet irrapportata s-surra fl-istabbilimenti matul is-sentejn qabel id-data tal-ġbir tas-semen u wara d-data tal-aħħar tifqigħa, l-istabbilimenti affettwati jkunu baqgħu taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment:

[2] *jew* [sad-data li fiha l-annimali li jkun fadal fl-istabbilimenti jkunu ġew soġġetti għal test għas-surra b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha jkun tneħħa l-aħħar annimal infettat mill-istabbilimenti;]]

[2] *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata fl-istabbilimenti, u l-bini tnaddaf u ġie diżinfettat;]]

II.2.2.2. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina matul is-6 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen, u:

[2] *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina fl-istabbilimenti matul is-sentejn qabel id-data tal-ġbir tas-semen;]

		[(2) *jew* [tkun ġiet irrapportata d-durina fl-istabbilimenti matul is-sentejn qabel id-data tal-ġbir tas-semen u wara d-data tal-aħħar tifqigħa, l-istabbilimenti affettwati jkunu baqgħu taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment:
		[(2) *jew* [sad-data li fiha l-annimali ekwini li jkun fadal fl-istabbilimenti, ħlief annimali ekwini maskili kkastrati, ikunu ġew soġġetti għal test għad-durina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 8 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati, jew id-data li fiha jkunu ġew ikkastrati l-annimali ekwini maskili infettati kollha;]]
		[(2) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered, jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbilimenti, u wara li l-bini jkun tnaddaf u ġie diżinfettat;]]
		II.2.2.3. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina matul id-90 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen, u:
		[(2) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina fl-istabbilimenti matul it-12-il xahar qabel id-data tal-ġbir tas-semen;]
		[(2) *jew* [tkun ġiet irrapportata l-anemija infettiva ekwina fl-istabbilimenti matul it-12-il xahar qabel id-data tal-ġbir tas-semen u wara d-data tal-aħħar tifqigħa, l-istabbilimenti affettwat ikunu baqgħu taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment:
		[(2) *jew* [sad-data li fiha l-annimali ekwini li jkun fadal fl-istabbilimenti jkunu ġew soġġetti għal test għall-anemija infettiva ekwina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 9 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall minimu ta' 3 xhur wara d-data li fiha jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati, u wara li jkunu tnaddfu u ġew diżinfettati l-istabbilimenti;]]
		[(2) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered, jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbilimenti, u wara li l-bini jkun tnaddaf u ġie diżinfettat;]]
		II.2.2.4. matul 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen, l-ebda annimal ekwin ma jkun wera sinjali tal-infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina u ta' metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*);
	II.2.3.	ma wrewx sintomi jew sinjali kliniċi ta' mard trażmissibbli tal-annimali fil-jum tad-dħul tagħhom f'ċentru tal-ġbir tas-semen u fil-jum tal-ġbir tas-semen;
	II.2.4.	jiġu identifikati kif previst fl-Artikolu 58(1), fl-Artikolu 59(1) jew fl-Artikolu 62(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035;
	II.2.5.	għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen u matul il-perjodu tal-ġbir:
		II.2.5.1. inżammu fi stabbilimenti li jinsabu f'żona mhux soġġetta għal restrizzjonijiet fuq il-moviment stabbiliti minħabba l-okkorrenza tal-marda Afrikana taż-żwiemel, tal-infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) jew ta' marda emerġenti rilevanti għall-annimali ekwini;
		II.2.5.2. inżammu fi stabbilimenti fejn ma jkunux ġew irrapportati l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, is-surra (*Trypanosoma evansi*), l-anemija infettiva ekwina, il-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*), l-infezzjoni bil-virus tar-rabja u l-antraċe;
		II.2.5.3. ma kinux f'kuntatt ma' annimali minn stabbilimenti li jinsabu f'żona soġġetta għal restrizzjonijiet fuq il-moviment stabbiliti minħabba l-okkorrenza tal-mard imsemmi fil-punt II.2.5.1 jew minn stabbilimenti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt II.2.5.2;

II.2.6. ma ntużawx għat-tnissil naturali matul mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen u bejn id-dati tal-ewwel kampjun imsemmi fil-punti II.2.7.1, II.2.7.2 u/jew II.2.7.3 u sa tmiem il-perjodu tal-ġbir;

II.2.7. ikunu ġew soġġetti għat-testijiet li ġejjin, imsemmija fil-Parti 4, il-Kapitolu I, il-punt 1(a) tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686, kif ġej:

II.2.7.1. għall-infezzjoni bl-anemija infettiva ekwina (EIA), test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) jew assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA) b'riżultat negattiv;

II.2.7.2. għall-infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina (EVA),

(2) *jew* [II.2.7.2.1. test tan-newtralizzazzjoni tas-serum b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' wieħed minn erbgħa;]

(2) *u/jew* [II.2.7.2.2. test ta' iżolament virali, reazzjoni katina bil-polimeraży (PCR) jew PCR f'ħin reali b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur;]

II.2.7.3. għall-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*) (CEM), test għall-identifikazzjoni tal-aġent imwettaq fuq tliet eżemplari (swabs) meħuda miż-żwiemel tal-għalla donaturi f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' mhux inqas minn 7 ijiem mill-inqas mill-għant tal-pene (prepuzju), mill-uretra u mill-fossa glandis;

Il-kampjuni fl-ebda każ ma ttieħdu aktar kmieni minn 7 ijiem (trattament sistemiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobiku taż-żiemel tal-għalla donatur u tqiegħdu f'mezz tat-trasport bil-karbonju attivat, bħall-medium Amies, qabel id-dispaċċ lejn il-laboratorju fejn kienu soġġetti b'riżultat negattiv għal test għal:

(2) *jew* [II.2.7.3.1. l-iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* wara l-kultivazzjoni f'kundizzjonijiet mikroerofiliċi għal mill-inqas 7 ijiem, stabbilit fl-aħħar 24 siegħa wara d-data tat-teħid tal-eżemplari mill-annimali donaturi, jew fl-aħħar 48 siegħa fejn l-eżemplari jinżammu kesħin waqt it-trasport;]

(2) *u/jew* [II.2.7.3.2. id-detezzjoni tal-ġenoma tat-*Taylorella equigenitalis* b'PCR jew PCR f'ħin reali, imwettaq fi żmien 48 siegħa wara d-data tat-teħid tal-eżemplari mill-annimali donaturi;]

II.2.8. kienu soġġetti bir-riżultati speċifikati fil-punt II.2.7. f'kull każ għal mill-inqas wieħed mill-programmi ta' ttestjar li ġejjin spjegati fid-dettall, rispettivament, fil-Parti 4, il-Kapitolu I, il-punti 1(b)(i), (ii) u (iii) tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686:

(6) [II.2.8.1. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien kontinwament residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, u l-ebda annimal ekwin fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ma ġie f'kuntatt dirett ma' annimali ekwini bi stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żiemel tal-għalla donatur. It-testijiet deskritti fil-punt II.2.7. twettqu fuq kampjuni meħuda(7) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil jew qabel l-ewwel ġbir tas-semen maħsub għall-moviment lejn Stat Membru ieħor bħala semen frisk, imkessaħ jew iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen.]

		(6)	[II.2.8.2.	Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, iżda telaq miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu totali ta' inqas minn 14-il jum matul il-perjodu tal-ġbir, jew inkella annimali ekwini oħrajn fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġew f'kuntatt dirett ma' annimali ekwini bi stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żiemel tal-għalla. It-testijiet deskritti fil-punt II.2.7 twettqu fuq kampjuni meħuda(7) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil jew qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen maħsub għall-moviment lejn Stat Membru ieħor bħala semen frisk, imkessaħ jew iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġbir tas-semen u, matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen maħsub għall-moviment lejn Stat Membru ieħor bħala semen frisk, imkessaħ jew iffriżat, iż-żiemel tal-għalla donatur kien soġġett għat-testijiet deskritti fil-punt II.2.7, kif ġej: (a) għall-anemija infettiva ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.2.7.1 twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud(7) mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I; (b) għall-infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti: (2) *jew* [fil-punt II.2.7.2 twettaq l-aħħar fuq kampjun meħud(7) mhux aktar minn 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I;] (2) *jew* [fil-punt II.2.7.2.2, f'każ li jiġi kkonfermat l-istat non-shedder ta' żiemel tal-għalla donatur seropożittiv għall-infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina, twettaq fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħud(7) mhux aktar minn 6 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I u kampjun tad-demm meħud(7) miż-żiemel tal-għalla donatur matul il-perjodu ta' 6 xhur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina f'dilwizzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed minn erbgħa;] (c) għall-metrite kuntaġġuża ekwina, it-testijiet deskritti fil-punt II.2.7.3 twettqu l-aħħar fuq tliet eżemplari (swabs) meħuda(7) mhux aktar minn 60 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I: (2) *jew* [f'żewġ okkażjonijiet;]] (2) *jew* [f'okkażjoni waħda u soġġett għal PCR jew PCR f'ħin reali.]]
		(6)	[II.2.8.3.	Iż-żiemel tal-għalla donatur ma ssodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti 4, il-Kapitolu I, il-punti 1(b)(i) u (ii), tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 u s-semen inġabar għall-moviment lejn Stat Membru ieħor bħala semen iffriżat. It-testijiet deskritti fil-punti II.2.7.1, II.2.7.2 u II.2.7.3. twettqu fuq kampjuni meħuda(7) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil, u t-testijiet deskritti fil-punti II.2.7.1 u II.2.7.3. twettqu fuq kampjuni meħuda(7) miż-żiemel tal-għalla donatur matul il-perjodu tal-ħżin tas-semen ta' minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel id-data li fiha s-semen jitneħħa miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara d-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, u: (2) *jew* [it-testijiet għall-infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina deskritti fil-punt II.2.7.2 twettqu fuq kampjuni meħuda(7) matul il-perjodu tal-ħżin tas-semen ta' minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel id-data li fiha s-semen jitneħħa miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, jew inkella jintuża mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara d-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I.]]

[(2) *jew* [l-istat non-shedder ta' żiemel tal-għalla donatur seropożittiv għall-infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina ġie kkonfermat b'test ta' iżolament virali, PCR jew PCR f'ħin reali mwettaq b'riżultat negattiv fuq kampjuni ta' alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħuda(7) darbtejn fis-sena f'intervall ta' mill-inqas 4 xhur u ż-żiemel tal-għalla donatur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' mill-inqas wieħed minn erbgħa f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina.]]

II.2.9. sarilhom l-ittestjar previst fil-punt II.2.8 fuq kampjuni meħuda fid-dati li ġejjin:

Identifikazzjoni tas-semen	Programm ta' ttestjar	Data tal-bidu(7)		Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa(7)					
		Residenza tad-donatur	Ġbir tas-semen	EIA II.2.7.1		EVA II.2.7.2		CEM II.2.7.3	
						Kampjun tad-demm	Kampjun tas-semen	1. kampjun	2. kampjun

II.3. Is-semen deskritt fil-Parti I:

II.3.1. ikun inġabar, ġie pproċessat u maħżen f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-Parti 1, il-punti 1 u 2 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

II.3.2. jitqiegħed f'tubi jew pakketti oħrajn li fuqhom tiġi applikata l-marka f'konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 u dik il-marka hija indikata fil-Kaxxa I.30;

II.3.3. jiġi ttrasportat f'kontenitur li:

II.3.3.1. kien issiġillat u nnumerat qabel id-data tad-dispaċċ miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru, jew minn veterinarju uffiċjali, u s-siġill ikollu n-numru kif indikat fil-Kaxxa I.19;

II.3.3.2. ikun tnaddaf u ġie diżinfettat jew sterilizzat qabel l-użu, jew ikun kontenitur ġdid li jintuża darba;

(2) (8) [II.3.3.3. ikun imtela b'aġent krijoġeniku li ma jkunx intuża qabel għal prodotti oħrajn.]

(2)(9) [II.4. Meta antibijotiku jew taħlita ta' antibijotiċi jkunu ġew miżjuda mas-semen:

II.4.1. L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja żdied/żdiedet mas-semen wara d-dilwizzjoni finali, jew jinsab/tinsab fid-dilwenti tas-semen użati:

…… (10),

II.4.2. Immedjatament wara ż-żieda tal-antibijotiku/antibijotiċi, u qabel kwalunkwe ffriżar possibbli, is-semen dilwit ikun inżamm f'temperatura ta' mill-inqas 5 °C għal mhux inqas minn 45 minuta, jew taħt reġim ta' temperatura-ħin b'attività batteriċida ekwivalenti ddokumentata.]

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa ta' referenza I.11: "Post tad-dispaċċ": Indika n-numru tal-approvazzjoni uniku u l-isem u l-indirizz taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tad-dispaċċ tal-kunsinna tas-semen.

Kaxxa ta' referenza I.12: "Post tad-destinazzjoni": Indika l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-kunsinna tas-semen.

Kaxxa ta' referenza I.19: Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill.

Kaxxa ta' referenza I.26: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa ta' referenza I.30: "Tip": Indika s-semen.

"Numru ta' identifikazzjoni": Indika n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull annimal donatur.

"Marka ta' identifikazzjoni": Indika l-marka fuq it-tubu jew fuq pakketti oħrajn fejn jitqiegħed is-semen tal-kunsinna.

"Data tal-ġbir/produzzjoni": Indika d-data li fiha nġabar is-semen tal-kunsinna.

"In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru": Indika n-numru tal-approvazzjoni uniku taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen minn fejn ikun inġabar is-semen tal-kunsinna.

"Kwantità": Indika n-numru ta' tubi jew pakketti oħrajn bl-istess marka.

"Test": Indika "Iva, ara l-punti II.2.8 u II.2.9".

Parti II:

Gwida dwar kif timtela t-tabella fil-punt II.2.9:

Abbrevjazzjonijiet:

EIA-1	L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-anemija infettiva ekwina (EIA)
EIA-2	It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EIA
EVA-B1	L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-arterite virali ekwina (EVA) fuq kampjun tad-demm
EVA-B2	It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tad-demm
EVA-S1	L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen
EVA-S2	It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen
CEM-11	L-ewwel kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-metrite kuntaġġuża ekwina (CEM)
CEM-12	It-tieni kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-11
CEM-21	L-ewwel kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM
CEM-22	It-tieni kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-21

Struzzjonijiet:

Għal kull semen identifikat fil-kolonna A tat-tabella u indikat fil-Kaxxa I.30, il-programm ta' ttestjar (il-punti II.2.8.1, II.2.8.2 u/jew II.2.8.3) għandu jiġi speċifikat fil-kolonna B tat-tabella, u l-kolonni C u D tat-tabella għandhom jimtlew bid-dati meħtieġa.

Id-dati meta ttieħdu l-kampjuni għal ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, kif meħtieġ fil-punti II.2.8.1, II.2.8.2 u II.2.8.3, għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni minn 5 sa 9 tat-tabella, jiġifieri l-kaxxi mmarkati b'EIA-1, EVA-B1 jew EVA-S1 u CEM-11 u CEM-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Id-dati meta ttieħdu l-kampjuni għall-ittestjar imtenni fil-laboratorju kif meħtieġ f'konformità mal-punt II.2.8.2 jew II.2.8.3 għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' isfel tal-kolonni minn 5 sa 9 tat-tabella, jiġifieri fil-kaxxi EIA-2, EVA-B2 jew EVA-S2 u CEM-21 u CEM-22 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Identifikazzjoni tas-semen	Programm ta' ttestjar	Data tal-bidu		Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa				
		Residenza tad-donatur	Ġbir tas-semen	EIA II.2.7.1	EVA II.2.7.2		CEM II.2.7.3	
					Kampjun tad-demm	Kampjun tas-semen	1.sample	2.sample
A	**B**	**C**	**D**	**EIA-1**	**EVA-B1**	**EVA-S1**	**CEM-11**	**CEM-12**
				EIA-2	**EVA-B2**	**EVA-S2**	**CEM-21**	**CEM-22**

(1) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen approvati mill-awtorità kompetenti u inklużi fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 101(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 biss.

(2) Ħassar jekk mhux applikabbli.

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-A-INTRA**

(3) Daħħal l-isem tal-mard(a).

(4) Daħħal ir-referenza speċifika għall-artikolu/i, it-titolu u n-numru tal-att(i) legali rilevanti adottati mill-Kummissjoni li jipprevedu dawk ir-rekwiżiti.

(5) Daħħal l-attestazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi prevista/i u rikjesta/i mill-att(i) legali rilevanti adottati mill-Kummissjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 159(2), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429.

(6) Ingassa l-programmi li ma japplikawx għall-kunsinna.

(7) Daħħal id-data fit-tabella fil-punt II.2.9 (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti).

(8) Applikabbli għal semen iffriżat.

(9) Attestazzjoni obbligatorja fil-każ li żdied(u) antibijotiku/antibijotiċi.

(10) Daħħal l-isem/ismijiet tal-antibijotiku/antibijotiċi miżjud(a) u l-konċentrazzjoni tiegħu/tagħhom jew l-isem kummerċjali tad-dilwent tas-semen li fih l-antibijotiku/antibijotiċi.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali)

Kwalifika u titolu

Isem l-Unità ta' Kontroll Lokali

Kodiċi tal-Unità ta' Kontroll Lokali

Data

Timbru

Firma

KAPITOLU 46

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦALL-MOVIMENT BEJN L-ISTATI MEMBRI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' SEMEN TA' ANNIMALI EKWINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/65/KEE WARA T-30 TA' SETTEMBRU 2014 U QABEL IL-21 TA' APRIL 2021, DISPAĊĊATI WARA L-20 TA' APRIL 2021 MIĊ-ĊENTRU TAL-ĠBIR TAS-SEMEN FEJN IKUN INĠABAR IS-SEMEN (MUDELL "EQUI-SEM-B-INTRA")

L-UNJONI EWROPEA						INTRA
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	I.1	**Konsenjatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	I.2	**Referenza tal-IMSOC**	KODIĊI QR
				I.2a	**Referenza lokali**	
				I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	
				I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
	I.5	**Konsenjatarju** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	I.6	**Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-reġistrazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	I.9	**Pajjiż tad-destinazzjoni**	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	I.10	**Reġjun tad-destinazzjoni**	Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	I.12	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**		I.14	**Data u ħin tat-tluq**	
	I.15	**Mezz tat-trasport** □ Bastiment □ Ferrovija Identifikazzjoni Dokument	□ Inġenju tal-ajru □ Vettura tat-triq □ Oħrajn	I.16	**Trasportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Awtorizzazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
				I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessaħ	□ Iffriżat	
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill		
	I.20	**Iċċertifikat għal jew għal** □ Żamma ulterjuri □ Annimali ekwini rreġistrati □ Ħelsien fis-selvaġġ □ Ipproċessar ulterjuri □ Prodotti għall-konsum mill-bniedem	□ Skarnar □ Ċirkuli jivvjaġġa/wirja tal-annimali □ Ċentru tad-dispaċċ □ Fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija □ Dakkir	□ Stabbiliment konfinat □ Wirja □ Żona ta' riinstallazzjoni/ċentru ta' purifikazzjoni □ Użu tekniku □ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem	□ Prodotti ġerminali □ Avveniment jew attività qrib il-fruntieri □ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali □ Stabbiliment ta' kwarantina jew stabbiliment simili □ Oħrajn	
	I.21	□ **Għat-tranżitu minn pajjiż terz** Pajjiż terz Punt ta' ħruġ Punt ta' dħul		Kodiċi ISO tal-pajjiż Kodiċi BCP Kodiċi BCP		

I.22 □ Għat-tranżitu mill-Istat(i) Membru/i			I.23 □ Għall-esportazzjoni		
Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż	
Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Punt ta' ħruġ	Kodiċi BCP	
Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż				
I.24 Ħin stmat tal-vjaġġ			**I.25 Ġurnal tal-vjaġġ**	□ iva	□ le
I.26 Għadd totali ta' imballaġġi			**I.27 Kwantità totali**		
I.28 Piż nett totali/piż gross (kg)			**I.29 Spazju totali previst għall-kunsinna**		

I.30 Deskrizzjoni tal-kunsinna

Kodiċi CN	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità Tip
Reġjun tal-oriġini		Maħżen kiesaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	Test	

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-B-INTRA**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa

II.a Referenza taċ-ċertifikat

II.b Referenza tal-IMSOC

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen(1), li fih inġabar, ġie pproċessat u nħażen għall-kummerċ is-semen deskritt fil-Parti I, ġie approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Kapitoli I(I)(1) u I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE (2);

II.1.1. matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I sad-data li fiha ġie dispaċċat is-semen frisk jew imkessaħ jew sakemm għadda l-perjodu minimu ta' 30 jum għall-ħżin tas-semen iffriżat, iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.1.1.1. kien jinsab fit-territorju jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni, f'parti mit-territorju(3) ta' Stat Membru li ma kienx meqjus bħala infettat bil-marda Afrikana taż-żwiemel f'konformità mal-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE (4);

II.1.1.2. issodisfa l-kundizzjonijiet għall-azjendi stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE;

II.1.1.3. kien fih biss ekwidi li kienu ħielsa minn sinjali kliniċi ta' arterite virali ekwina u metrite kuntaġġuża ekwina;

II.2. Fiċ-ċentru ddaħħlu biss ekwidi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 u 5 jew fl-Artikoli 12 sa 16 tad-Direttiva 2009/156/KE.

II.3. Is-semen deskritt fil-Parti I inġabar minn żwiemel tal-għalla donaturi li:

II.3.1. ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard infettiv jew li jittieħed fil-ħin tad-dħul fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen u dakinhar li nġabar is-semen;

II.3.2. inżammu għal perjodu ta' 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen f'azjendi fejn l-ebda annimal ekwin ma wera xi sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina jew metrite kuntaġġuża ekwina matul dak il-perjodu;

II.3.3. ma ntużawx għat-tnissil naturali matul perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen u mid-dati tal-ewwel kampjun imsemmi fil-punt II.3.5.1, II.3.5.2 jew II.3.5.3 sa tmiem il-perjodu tal-ġbir;

II.3.4. sarulhom it-testijiet li jissodisfaw mill-inqas ir-rekwiżiti tal-Kapitolu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, imwettqa f'laboratorju li huwa rikonoxxut mill-awtorità kompetenti u li għandu t-testijiet imsemmija hawn taħt inklużi fl-akkreditazzjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 (5), kif ġej:

II.3.4.1. għall-anemija infettiva ekwina (EIA), test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) jew assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA) għall-anemija infettiva ekwina b'riżultat negattiv;

II.3.4.2. għall-arterite virali ekwina (EVA),

(3) *jew* [II.3.4.2.1. test tan-newtralizzazzjoni tas-serum b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' wieħed minn erbgħa;]

(3) *u/jew* [II.3.4.2.2. test ta' iżolament virali, reazzjoni katina bil-polimeraži (PCR) jew PCR f'ħin reali b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur;]

II.3.4.3. għall-metrite kuntaġġuża ekwina (CEM), test għall-identifikazzjoni tal-aġent imwettaq fuq tliet eżemplari (swabs) meħuda miż-żiemel tal-għalla donatur f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' mhux inqas minn 7 ijiem mill-inqas mill-għant tal-pene (prepuzju), mill-uretra u mill-fossa glandis;

Il-kampjuni fl-ebda każ ma ttieħdu aktar kmieni minn 7 ijiem (trattament sistemiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobiku taż-żiemel tal-għalla donatur u tqiegħdu f'mezz tat-trasport bil-karbonju attivat, bħall-medium Amies, qabel id-dispaċċ lejn il-laboratorju fejn kienu soġġetti b'riżultat negattiv għal test għal:

(3) *jew* [II.3.4.3.1. l-iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* wara l-kultivazzjoni f'kundizzjonijiet mikroerofiliċi għal mill-inqas 7 ijiem, stabbilit fil-perjodu ta' 24 siegħa wara t-teħid tal-eżemplari mill-annimal donatur, jew fil-perjodu ta' 48 siegħa fejn l-eżemplari jinżammu kesħin waqt it-trasport;]

(3) *u/jew* [II.3.4.3.2. id-detezzjoni tal-ġenoma tat-*Taylorella equigenitalis* b'PCR jew PCR f'ħin reali, imwettaq fil-perjodu ta' 48 siegħa wara t-teħid tal-eżemplari mill-annimal donatur;]

II.3.5. ġew soġġetti bir-riżultati speċifikati fil-punt II.3.4. f'kull każ għal mill-inqas wieħed mill-programmi ta' ttestjar spjegati fid-dettall fil-punti II.3.5.1, II.3.5.2 u II.3.5.3, kif ġej:

(6) [II.3.5.1. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien kontinwament residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq, u l-ebda ekwid fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ma ġie f'kuntatt dirett ma' annimali ekwini bi stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żiemel tal-għalla donatur.

It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4 twettqu fuq kampjuni meħuda (7) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil jew qabel l-ewwel ġbir tas-semen għall-kummerċ ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen.]

(6) [II.3.5.2. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen kif deskritt fil-Parti I, iżda telaq miċ-ċentru taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu kontinwu ta' inqas minn 14-il jum, u/jew ekwidi oħrajn fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġew f'kuntatt dirett ma' ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri.

It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4 twettqu fuq kampjuni meħuda (7) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil jew qabel l-ewwel ġbir tas-semen għall-kummerċ ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen,

u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen maħsub għall-kummerċ ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat, iż-żiemel tal-għalla donatur kien soġġett għat-testijiet deskritti fil-punt II.3.4, kif ġej:

(a) għall-anemija infettiva ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.3.4.1 twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud (7) mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I;

(b) għall-arterite virali ekwina:

(3) *jew* [wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.3.4.2 twettaq l-aħħar fuq kampjun meħud (7) mhux aktar minn 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I;]

(3) *jew* [wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.3.4.2.2 twettaq fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħud(7) mhux aktar minn 6 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I u kampjun tad-demm meħud(7) miż-żiemel tal-għalla donatur matul il-perjodu ta' 6 xhur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina f'dilwizzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed minn erbgħa;]

(c) għall-metrite kuntaġġuża ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.3.4.3 twettaq l-aħħar fuq tliet eżemplari (swabs) meħuda (7) mhux aktar minn 60 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I:

(3) *jew* [f'żewġ okkażjonijiet mill-inqas 7 ijiem bogħod minn xulxin;]

(3) *jew* [f'okkażjoni waħda u soġġett għal PCR jew PCR f'ħin reali.]]

(6) [II.3.5.3. Iż-żiemel tal-għalla donatur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1.6(a) u (b) tal-Kapitolu II tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u s-semen jingħabar għall-kummerċ ta' semen iffriżat.

It-testijiet deskritti fil-punti II.3.4.1, II.3.4.2 u II.3.4.3 twettqu fuq kampjuni meħuda(7) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil,

u it-testijiet deskritti fil-punti II.3.4.1 u II.3.4.3 twettqu fuq kampjuni meħuda(7) miż-żiemel tal-għalla donatur matul il-perjodu tal-ħżin tas-semen ta' perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel ma s-semen jitneħħa miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I,

u (3) *jew* [it-testijiet għall-arterite virali ekwina deskritti fil-punt II.3.4.2 twettqu fuq kampjuni meħuda (7) matul il-perjodu tal-ħżin tas-semen ta' perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel ma s-semen jitneħħa miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen jew inkella jintuża, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I.]

(3) *jew* [l-istat non-shedder taż-żiemel tal-għalla seropożittiv għall-arterite virali ekwina ġie kkonfermat b'test ta' iżolament virali, PCR jew PCR f'ħin reali mwettaq b'riżultat negattiv fuq kampjuni ta' alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħuda (7) darbtejn fis-sena f'intervall ta' mill-inqas 4 xhur u ż-żiemel tal-għalla donatur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'dilwizzjoni ta' serum ta' mill-inqas wieħed minn kull erbgħa f'test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina.]]

II.3.6. sarilhom l-ittestjar previst fil-punt II.3.5 fuq kampjuni meħuda fid-dati li ġejjin.

Identifikazzjoni tas-semen	Programm ta' ttestjar	Data tal-bidu(7)		Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa(7)				
		Residenza tad-donatur	Ġbir tas-semen	EIA II.3.4.1	EVA II.3.4.2		CEM II.3.4.3	
					Kampjun tad-demm	Kampjun tas-semen	1.sample	2.sample

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-B-INTRA**

(3) *jew* [II.4. Ma żdied l-ebda antibijotiku mas-semen;]

(3) *jew* [II.4. L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja ġie(t) miżjud(a) biex tiġi prodotta konċentrazzjoni fis-semen dilwit finali ta' mhux inqas minn(8): ……..
……..……..;]

II.5. Is-semen deskritt fil-Parti I kien:

II.5.1. miġbur, ipproċessat, maħżun u ttrasportat f'kundizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II(I)(1) u III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.5.2. fil-każ ta' semen iffriżat, maħżun għal perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen;

II.5.3. mibgħut lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat f'konformità mal-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.19;

II.5.4. huwa dispaċċat minn:

(3) *jew* [ċentru tal-ġbir tas-semen jew żona mhux soġġetta għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali ekwini u stabbiliti għal raġunijiet ta' mard elenkat rilevanti għal dawk l-ispeċijiet soġġetti għal miżuri ta' emerġenza rilevanti għal dawk l-ispeċijiet, jew dawk ir-restrizzjonijiet ma japplikawx għal dan is-semen minħabba li jkun inġabar qabel ma ġew stabbiliti r-restrizzjonijiet, u ma jkunx ġie f'kuntatt ma semen ieħor ta' stat ta' saħħa inferjuri għal perjodu xieraq.]

(3) *jew* [ċentru tal-ġbir tas-semen jew żona soġġetta għal restrizzjonijiet fuq il-moviment li jaffettwaw l-annimali ekwini u stabbiliti għal ……. (9), iżda ngħataw derogi mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment, u:

(3) [jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fi …… (10);]]

(3) [u b'mod partikolari, huwa …… (11).]]

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa ta' referenza I.11: Il-post tad-dispaċċ għandu jikkorrispondi għaċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa ta' referenza I.12: Il-post tad-destinazzjoni għandu jikkorrispondi maċ-ċentru ta' ġbir jew ta' ħżin tas-semen jew mal-azjenda tad-destinazzjoni tas-semen.

Kaxxa ta' referenza I.19: Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill.

Kaxxa ta' referenza I.26: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa ta' referenza I.30: L-identità tal-annimal donatur għandha tikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

Parti II:

Gwida dwar kif timtela t-tabella fil-punt II.3.6:

Abbrevjazzjonijiet:

EIA-1	L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-anemija infettiva ekwina (EIA)
EIA-2	It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EIA
EVA-B1	L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-arterite virali ekwina (EVA) fuq kampjun tad-demm
EVA-B2	It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tad-demm
EVA-S1	L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen
EVA-S2	It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen

CEM-11 L-ewwel kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-metrite kuntaġġuża ekwina (CEM)

CEM-12 It-tieni kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-11

CEM-21 L-ewwel kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM

CEM-22 It-tieni kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-21

Struzzjonijiet:

Għal kull identifikazzjoni tas-semen fil-kolonna A tat-tabella fl-eżempju hawn taħt, il-programm ta' ttestjar (il-punti II.3.5.1, II.3.5.2 u/jew II.3.5.3) għandu jiġi deskritt fil-kolonna B tat-tabella u l-kolonni C u D tat-tabella għandhom jimtlew bid-dati meħtieġa.

Id-dati meta ttieħdu l-kampjuni għal ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, kif meħtieġ fil-punti II.3.5.1, II.3.5.2 u II.3.5.3, għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni minn 5 sa 9 tat-tabella, jiġifieri l-kaxxi mmarkati b'EIA-1, EVA-B1 jew EVA-S1 u CEM-11 u CEM-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

